EIOPA-BoS-14/167 MT

# Linji Gwida dwar il-fondi proprji anċillari

EIOPA – Westhafen Tower, Westhafenplatz 1 - 60327 Frankfurt – Germany - Tel. + 49 69-951119-20;
Fax. + 49 69-951119-19; email: info@eiopa.europa.eu site: https://eiopa.europa.eu/

## Introduzzjoni

1.1. Skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (minn hawn 'il quddiem ir-"Regolament EIOPA")[1] l-EIOPA qiegħda tabbozza Linji Gwida dwar fondi proprji anċillari.

1.2. Il-Linji Gwida jirrigwardaw l-Artikoli 89, 90, 93 sa 96, 226 u 235 tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni ("Solvibbiltà II")[2] u l-Artikoli 62 sa 67, 74, 75, 78 u 79 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni[3].

1.3. Dawn il-Linji Gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet superviżorji taħt Solvibbiltà II.

1.4. Il-fondi proprji anċillari huma kontinġenti peress li ma jkunux ġew imħallsa, u mhumiex rikonoxxuti fuq il-karta tal-bilanċ. Il-ħtieġa għal approvazzjoni superviżorja ta' elementi bħal dawn tirrikonoxxi din in-natura kontinġenti. Jekk, f'xi punt mhux determinat fil-futur, il-fondi proprji anċillari jiġu msejħin għall-ġbir, dawn ma jibqgħux ikunu kontinġenti u jsiru elementi ta' fondi proprji bażiċi rrappreżentati mill-assi fuq il-karta tal-bilanċ.

1.5. L-Artikolu 89 tas-Solvibbiltà II jiddikjara li l-fondi proprji anċillari jistgħu jinkludu kull impenn legalment vinkolanti li jirċievu l-impriżi. Dan jista' jinkludi bosta arranġamenti li ma jaqgħux taħt il-kategoriji ta' elementi ta' fondi proprji anċillari speċifiċi msemmija fis-Solvibbiltà II sakemm dawn jistgħu jiġu msejħin għall-ġbir biex jassorbu t-telf.

1.6. Dawn il-Linji Gwida jiddeskrivu kunsiderazzjonijiet relatati mal-proċess ta' approvazzjoni tal-awtorità superviżorja għall-elementi ta' fondi proprji anċillari, il-klassifikazzjoni ta' elementi ta' fondi proprji anċillari u s-sodisfazzjon kontinwu ta' kriterji għall-approvazzjoni.

1.7. Il-proċess tal-approvazzjoni tal-fondi porprji anċillari jipprevedi komunikazzjoni kontinwa bejn l-awtoritajiet superviżorji u l-impriżi, inkluż qabel impriża tissottometti applikazzjoni formali għall-approvazzjoni ta' element ta' fond proprju anċillari. Meta l-element ta' fond proprju anċillari fuq sejħa jsir Element mhux fuq il-listi, u għalhekk ikunu meħtieġa żewġ approvazzjonijiet superviżorji, din il-komunikazzjoni għandha tinkludi l-approċċ proċedurali li għandu jiġi segwit rigward din il-ħtieġa għal żewġ approvazzjonijiet.

1.8. L-Artikolu 226 tas-Solvibbiltà II jippermetti li grupp japplika għal approvazzjoni ta' element ta' fond proprju anċillari fir-rigward ta' kumpanija holding tal-assigurazzjoni intermedjarja jew kumpanija holding finanzjarja mħallta intermedjarja. F'każijiet bħal dawn il-Linji Gwida japplikaw daqs li kieku l-

[1] ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48–83
[2] ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1-155
[3] ĠU L 12, 17.01.2015, p. 1-797

kumpanija holding tal-assigurazzjoni intermedjarja jew il-kumpanija holding finanzjarja mħallta intermedjarja kienet impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni. Dan japplika wkoll fejn grupp huwa mmexxi minn kumpanija holding tal-assigurazzjoni jew kumpanija holding finanzjarja mħallta skont l-Artikolu 235 tas-Solvenza II.

1.9. Għall-finijiet ta' dawn il-Linji Gwida, ġew żviluppati d-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "Strument Kapitali" tfisser strument li jekk jissejjaħ għall-ġbir sejjer jiġġenera assi, ħafna drabi fil-forma ta' flus kontanti, filwaqt li simultanjament joħloq interessi korrispondenti fl-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni fil-każ ta' ishma, jew passivi subordinati korrispondenti tal-impriża;

(b) "Element mhux fuq il-listi" tfisser element ta' fond proprju li mhuwiex inkluż fil-listi stabbiliti fl-Artikoli 69, 72 u 76 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni.

1.10. Jekk ma jkunux definiti f'dawn il-Linji Gwida, it-termini għandhom jieħdu t-tifsira definita fl-atti legali msemmija fl-introduzzjoni.

1.11. Il-Linji Gwida għandhom japplikaw mill-1 ta' April 2015.

## Linja Gwida 1 - Approvazzjoni ta' elementi anċillari ta' fond proprju li, ladarba jissejħu għall-ġbir, jieħdu l-forma ta' Element mhux fuq il-listi

1.12. Jekk element ta' fond proprju anċillari ladarba jissejjaħ għall-ġbir jieħu forma ta' Element mhux fuq il-listi, l-impriżi għandhom ifittxu l-approvazzjoni tal-klassifikazzjoni ta' dak l-element, kif previst fl-Artikolu 79 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni qabel jippreżentaw applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-element ta' fond proprju anċillari.

## Linja Gwida 2 - Id-dħul f'kuntratt għal element ta' fond proprju anċillari

1.13. Meta approvazzjoni superviżorja tkun ingħatat bil-kundizzjoni li jsir il-kuntratt, b'mod konformi mal-Artikolu 7(3) tal-Abbozz ta' Standard Tekniku ta' Implimentazzjoni tal-EIOPA rigward il-proċeduri li għandhom jintużaw għall-għoti ta' approvazzjoni superviżorja għall-użu ta' elementi ta' fondi proprji anċillari[4], l-impriża għandha tikkonkludi l-kuntratt b'mod formali sa mhux aktar tard minn 15-il jum tax-xogħol wara li tkun ingħatat l-approvazzjoni, sakemm l-impriża ma tkunx qablet għal perjodu ta' żmien itwal bil-quddiem bil-miktub mal-awtorità superviżorja.

[4] https://eiopa.europa.eu/Pages/Supervision/Insurance/draft-implementing-technical-standards-on-the-supervisory-approval-processes-for-solvency-ii.aspx

**Linja Gwida 3 - Eżerċitabbli fuq talba**

1.14. Biex l-elementi deskritti fil-punti (a), (b), (c), (d), (f) u (i) tal-Artikolu 74 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni jkunu eżerċitabbli meta mitlubin, l-impriżi għandhom jiżguraw li s-sejħa ma tkunx:

(a) kontinġenti fuq l-okkorrenza ta' avveniment jew li jintlaħqu l-kriterji;

(b) soġġetta għall-ftehim tal-kontroparti jew ta' kwalunkwe parti terza;

(c) soġġetta għal kwalunkwe ftehim, arranġament jew inċentiv li jfisser li l-impriża ma tkunx permessa jew mhux probabbli li ssejjaħ l-element għall-ġbir; jew

(d) soġġetta għal kwalunkwe arranġament ieħor jew kombinament ta' arranġamenti li jkollu l-istess effett bħall-punti (a) sa (c).

1.15. Fir-rigward tal-valutazzjoni ta' pretensjonijiet futuri minn assoċjazzjoni mutwa jew tat-tip mutwa b'kontribuzzjonijiet varjabbli għall-finijiet tal-Artikolu 90 tal-Solvibbiltà II, l-awtoritajiet superviżorji għandhom jikkunsidraw jekk hemmx xi impedimenti għall-pretensjonijiet li qed jintużaw biex ikopru telf meta jinqala', u biex l-ammonti jiġu rkuprati fil-ħin.

**Linja Gwida 4 - Klassifikazzjoni ta' elementi ta' fondi proprji anċillari**

1.16. L-awtorità superviżorja m'għandhiex tiddetermina l-klassifikazzjoni ta' element ta' fond proprju anċillari fuq il-bażi biss tal-forma li fiha l-element huwa ppreżentat jew deskritt. Il-valutazzjoni tal-awtorità superviżorja u l-klassifikazzjoni tal-element ta' fond proprju anċillari għandhom jiddependu fuq is-sustanza ekonomika tal-element u l-punt sa fejn din se tissodisfa l-karatteristiċi stipulati fl-Artikoli 93 sa 96 tas-Solvibbiltà II u l-Artikoli 74, 75, u 78 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni.

1.17. Meta l-fondi proprji anċillari jsiru Strumenti kapitali meta mitlubin, l-impriżi għandhom jikklassifikaw l-element ta' fond proprju anċillari billi jevalwaw il-karatteristiċi ta' dak l-Istrument kapitali u jiddeterminaw għal liema livell jappartjeni l-Istrument kapitali jekk jissejjaħ għall-ġbir.

1.18. L-impriżi għandhom jiżguraw li meta element ta' fond proprju anċillari li jissejjaħ jirriżulta fl-irċevuta ta' flus kontanti jew assi oħrajn, dak l-element ta' fond proprju bażiku huwa trattat biss bħala kontribuzzjoni fejn ma jwassalx għal Strument kapitali jew passiv korrispondenti, kemm jekk kontinġenti kif ukoll jekk le, tal-impriża.

1.19. L-impriżi għandhom jittrattaw l-elementi bħala kontribuzzjonijiet:

(a) meta jkunu fil-forma ta' rigal inkondizzjonat, jew donazzjoni ta' fondi proprji;

(b) kemm jekk ikunu minn impriża prinċipali, jew minn kwalunkwe parti oħra, jew fil-forma ta' kontribuzzjonijiet supplimentari mill-membri ta' impriżi mutwi jew tat-tip mutwu;

(c) irrispettivament mit-trattament tal-element għal raġunijiet ta' kontabbiltà, bħala li jikkontribwixxu għal profitt jew telf jew jikkontribwixxu direttament għar-riservi.

1.20. Peress li t-trattament tal-karta tal-bilanċ tal-kontribuzzjonijiet li jissodisfaw il-karatteristiċi neċessarji użati għall-klassifikazzjoni tal-fondi f'livelli, huwa żieda fl-assi tal-impriża b'żieda korrispondenti fir-riserva ta' rikonċiljazzjoni, u peress li l-kontribuzzjoni ma twassal għal ebda Strument kapitali jew passiv jew kwalunkwe element ieħor ta' fond proprju bażiku, l-impriżi għandhom jikklassifikaw l-element bħala fondi proprji anċillari tal-Livell 2.

1.21. L-impriżi għandhom jikklassifikaw l-arranġamenti kuntrattwali li meta jissejħu għall-ġbir jissodisfaw il-passivi tal-impriża billi jindennizzaw lill-partijiet terzi, bl-istess mod bħall-kontribuzzjonijiet jekk huma:

(a) jiġġeneraw assi għal kreditur ta' parti terza tal-impriża;

(b) ma joħolqux passivi korrispondenti għall-impriża.

1.22. L-impriżi għandhom jittrattaw kuntratti ta' indennizz, li jobbligaw lil indennizzatur ta' parti terza jħallas somom lill-kreditur tal-impriża mingħajr ma jobbliga lill-impriża tħallas lura tali somom lill-indennizzatur, bħala elementi ta' fondi proprji anċillari, soġġett għal approvazzjoni mill-awtorità superviżorja.

1.23. L-awtoritajiet superviżorji għandhom jikklassifikaw l-elementi ta' fondi proprji anċillari li meta jissejħu għall-ġbir ma jsirux Strumenti kapitali, kontribuzzjonijiet jew arranġamenti, iżda li jissodisfaw il-passivi ta' impriża, billi jikkunsidraw il-karatteristiċi ta' dak li jipprovdi l-element ta' fond proprju anċillari meta mitlub.

**Linja Gwida 5 - Sodisfazzjon kontinwu tal-kriterji**

1.24. L-impriżi għandhom jiddiskutu mal-awtorità superviżorja malajr kemm jista' jkun, jekk ikollhom raġuni biex jemmnu li bidla materjali fl-assorbiment tat-telf ta' element ta' fond proprju anċillari hija imminenti jew li x'aktarx issir.

**Linja Gwida 6 - Valutazzjoni tas-sodisfazzjon kontinwu tal-kriterji**

1.25. Meta jitqies jekk l-ammont attribwit lil element ta' fond proprju anċillari jkomplix jirrifletti l-assorbiment tat-telf tiegħu, l-awtoritajiet superviżorji għandhom jikkunsidraw l-użu ta' informazzjoni miksuba minn sorsi oħrajn minbarra l-informazzjoni rċevuta mingħand l-impriżi skont l-Artikolu 62(1)(d) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, inkluża iżda mhux limitata għal:

(a) informazzjoni miksuba permezz ta' spezzjonijiet fuq il-post;

(b) informazzjoni ad-hoc irċevuta jew miksuba bħala parti mill-proċess ta' rieżami superviżorju;

(c) informazzjoni pprovduta minn awtoritajiet superviżorji oħrajn fi ħdan il-kulleġġ tas-superviżuri, fejn applikabbli.

## Regoli ta' Konformità u ta' Rappurtar

1.26. Dan id-dokument fih Linji Gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament EIOPA. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament EIOPA, l-Awtoritajiet Kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet.

1.27. L-awtoritajiet kompetenti li jikkonformaw jew li beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida għandhom jintegrawhom fil-qafas regolatorju jew superviżorju tagħhom b'mod xieraq.

1.28. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonfermaw lill-EIOPA jekk jikkonformawx jew jekk humiex beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida, b'raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, fi żmien xahrejn wara l-ħruġ tal-verżjonijiet tradotti.

1.29. Fin-nuqqas ta' tweġiba sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jiġu kkunsidrati bħala mhux konformi mar-rappurtar u għandhom jiġu rrappurtati bħala tali.

## Dispożizzjoni Finali dwar ir-Reviżjonijiet

1.30. Dawn il-Linji Gwida għandhom jiġu suġġetti għal reviżjoni mill-EIOPA.